KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622 /2765 6502
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa pubblika tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, (KLM) li nzammet nhar it-3 ta' Frar, 2015, fis-6:35pm, fil-Bini tal-Isptar il-Qadim, Triq San Innoċenzju, l-Imqabba.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Paul Spiteri | Kunsillier |

1 Charlene Zammit ippresjediet il-laqgħa u qalet illi s-soltu jkun fostna is-Sindku, Nicholas Briffa, iżda llum m'hux fostna għaliex kien hawn ċirkustanzi straordinarji fejn il-bieraħ irċevejna r-riżenja tiegħu u għaldaqstant infurmajna lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor Buontempo u wkoll il-Kummissarju Elettorali Prinċipali sabiex jiskatta l-proċess ħalli timtela' l-vakanza li nħolqot fil-KLM tal-Imqabba. Għaldaqstant qed nistennew li nistennew n-nomini ħalli ssir il-*by-election* u jekk ma jkunx hemm membri, issir il-*co-option*.

2 Charlene Zammit qalet illi proġett tal-irranġar tal-bandli li kien għal qalb is-Sindku, Nicholas Briffa sa minn qabel l-elezzjoni tal-2013. Hija qalet illi l-ispiża laħqet is-€67,000 u kienet tikkonsisti fi *play equipment, (safety material)* f'tapiti tal-lastiku taħt il-bandli u għadna s'issa qed nistennew iċ-ċertifikazzjoni mil-MEPA. Hija qalet illi fadal inħallsu madwar €30,000 u għalhekk is-sena li ġejja se jkollna niċċaħdu mill-attivitajiet kulturali biex niffinanzjaw dak li sar. Hija ddeskrivietu id-dħul u l-infieq 'bħal f'familja'.

3 Hija semmiet ir-restawr tas-soqfa tal-kamra li konna fiha, fl-Isptar il-Qadim illi kellhom jinbidlulhom it-travi kollha tal-injam u anke xi xorok li kienu maqsuma filwaqt li rringrazzjat pubblikament lill-Gvern Ċentrali talli kellna rifużjoni ta' din l-ispiża li kienet tammonta għal qrib it-€12,000.

4 Charlene Zammit qalet illi s-sena li għaddiet, l-attivita' kulturali bl-isem *Biss bil-Ħila*, ma għamilnihiex u pposponejniha għal Diċembru. Eventwalment din ħadet il-forma ta' villaġġ tal-Milied, bl-isem *Rigal Ħaj.* Hija qalet illi nistgħu ngħidu li din kienet organizzata miż-żgħazagħ. Peress li hemm xi żgħażagħ illi issa għalqu t-tmintax-il sena, il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ tal-Imqabba, bħal issa qiegħed fil-proċess li jintgħażlu ħames membri ġodda, u hija appellat lil

dawk preżenti, sabiex iħeġġu liż-żgħażagħ jibgħatu n-nomini tagħhom. Intant il-Kunsill taż-żgħażagħ prezenti, rebaħ il-proġett tal-fondi li kien hemm allokati biex jimmaterjalizza dan il-proġett tal-attivita' kulturali, u dalwaqt nirċievu kumpens tal-ispejjeż relatati ma' din l-attivita'.

5 Charlene Zammit qalet illi matul is-sena li għaddiet kien organizzat il-*Karnival taż-Żfin,* u wkoll l-attivita' reliġjuża, *L-Imsallab fi Triqatna*. Pero' għall-2015, il-KLM bi qbil unanimu iddeċieda li li se jkollna naqbżuhom din is-sena.

6 Charlene Zammit qalet illi matul is-sena li għaddiet, tellajna l-*Imqabba Youth Challenge* fejn erbgħa u ħamsin żgħażugħ u żgħażugħa kienu impenjati f'attivita' sportiva. Din tellajniha b'kollaborazzjoni mal-każin tal-Futbol.

7 Charlene Zammit semmiet l-attivitajiet soċjali li saru matul is-sena u fakkret f'dawk li saru għal Għawdex. Hawn Grace Marie Mallia qalet li xtaqna ħadna aktar nies magħna, pero' minħabba s-*seating capacity* fir-*restaurant,* kellna nagħmlu kwota. Hija fakkret ukoll fil-ħarġiet lejn Sqallija organizzati mill-KLM f'Ġunju u f'Novembru.

8 Charlene Zammit qalet illi l-KLM matul is-sena jorganizza diversi korsijiet fosthom dak tal-presepji li nżamm fis-Sajf li għadda biex il-parteċipanti jkollhom iċ-ċans jinxfulhom il-karti bil-kolla (kartapesta). Hija qalet li bħalma rajna qabel ma bdiet din il-laqgħa fil-klassi l-oħra maġenb il-kamra fejn qiegħdin, kienu qed jinżammu l-korsijiet fil-*computer* għall-adulti b'koperazzjoni mal-Awtorita' Maltija tal-Komunikazzjoni. Fis-sajf li għadda biex ma jinħlewx il-jiem tal-vakanzi, fejn it-tfal ikunu ftit maqtugħa mill-*curriculum*, il-KLM żamm kors tal-*computer* għat-tfal fil-librerija tal-iskola.

9 Kors li beda propju l-bieraħ hu fl-użu għaqli tal-Pestiċida. Għal dan il-kors li jintemm bl-għoti tal-liċenzja, kull bidwi jkun mitlub jippreżenta l-kwalifiċi biex tal-ħanut ikun jista' jbiegħlu l-pestiċida u għalhekk hu meqjus bħala importanti u essenzjali.

10 Matul din is-sena żidna in-numru ta' lampi ġodda. L-aħħar proġett kien fi Triq it-Torri Vincenti fejn se jkunu ikkumnikati erba' lampi kollha flimkien bi trinka minn taħt l-art f'sit rurali. Dawn il-lampi kienu installati fis-Sajf u wasalna biex ikunu qed jixhelu wkoll fil-futur qrib, peress li l-proċess kien jinkludi il-*wiring* għal tulijiet twal minn taħt l-art u it-twaħħil tal-arbli ġodda.

11 B'kollaborazzjoni mal-MEPA, matul is-sajf li għadda kien hawn vann tal-MEPA stazzjonat ezattament mal-Iskola Primarja sabiex ikejjel fuq medda ta' xahar il-moniteraġġ tal-arja. Dan għaliex fil-każ tal-Imqabba, din hija xi ħaġa sensittiva meta wieħed jikkonsidra il-barrieri fil-

viċin u wkoll l-industrija tal-kostruzzjoni li topera anke saħansitra minn dawn il-barrieri li minkejja li m'għadux jinqata' l-ġebel tal-franka minnhom, ittrasformaw ruħhom fi mpjanti fejn tkun mitħuna l-istess ġebla tal-franka għat-torba u wkoll il-manifattura tal-planki, *bricks* u qatran tat-toroq.

12 Matul l-2014, il-KLM bil-kollaborazzjoni tal-Gvern Ċentrali, għamel restawr fuq l-istatwi ta' San Franġisk u l-Kunċizzjoni u wkoll il-pedestalli tagħhom. Għal dan sibna għajnuna finanzjarja mill-Gvern Ċentrali.

13 Charlene Zammit qalet illi l-attivita' marbuta ma'*Ġieħ l-Imqabba*, li dejjem saret u dejjem ingħataw ir-rikonoxximenti fiha, ittellgħet bħas-soltu kif previst, alavolja ma kienx hemm *consensus* mill-kunsillieri. Din is-sena l-unika applikazzjoni ma kkwalifikatx għall-unur *Ġieħ l-Imqabba* u l-unur li ingħata, kien dak ta'mertu, lis-Sur Jonathan Mcleish. Intant f'din is-serata ingħataw rikonoxximent lill-kantanta brava Federica Falzon, lill-Joanne Gatt, il-persuna li ħadet sehem f'konkors tas-sbuħija, u lill-Mariano Briffa li ħa sehem f'konkors tal-*body building*. Charlene Zammit qalet illi fuq talba tal-Kappillan, is-sena d-dieħla, l-attivita' ta' nhar ta' Ħadd, fejn normalment ikun hemm il-quddiesa u t-tqegħid tal-kuruna tar-rand taħt il-lapida tal-vittmi tat-Tieni Gwerra Dinjija, fuq iz-zuntier, se ssir fuq skala aktar.

14 Charlene Zammit semmiet illi matul zmien il-Milied inxtara' sett tan-Nattivita' li żżanżan għall-ewwel darba din is-sena u hija qalet li biex inxtegħel bħalma nxtegħlet il-Pjazza tar-raħal, kellna negħlbu diversi problemi burokratiċi mal-Korporazzjoni Enemalta.

15 Fir-rigward tas-saħħa, speċjalment tal-anzjani, din is-sena ingħatat it-tilqima għal kontra l-influenza għall-anzjani. Dan ix-xogħol ta' kordinazzjoni sar mill-istaff tal-kunsill bil-kollaborazzjoni tal-infermieri voluntieri li jagħtu daqqa t'id. Hija faħħret il-ħidma tal-istaff u rringrazzjathom.

16 Propju minn dan ix-xaħar, bdew jitqassmu is-*Coeliac Vouchers,* għal valur ta' €30 mill-KLM, u dawn se jibdew jingħataw lil min għandu din il-kundizzjoni darba kull xahar. Din hija skema tal-*Pharmacy of Your Health.*

17 Għal familji, u biex dejjem inkomplu nippromwovu l-pjan tal-Gvern Ċentrali u fl-istess ħin nissalvagwardjaw l-ambjent, komplejna innaqsu l-iskart billi nħeġġu is-separazzjoni tiegħu bit-tqassim tal-boroz tas-separazzjoni tal-iskart. Dan sar grazzi għall-Koperattiva li qed nieħdu s-servizzi tagħha – Greenpak co-op.

18 Hija qalet illi sfortunatament għandna circa €50,000 dejn biex inħallsu għall-kisi tat-toroq li saru fil-leġislatura preċedenti u dan se nippruvaw naqtgħuh sal-aħħar tas-sena d-dieħla.

19 Inżammu wkoll diversi laqgħat formali fosthom mal-Kappillan il-ġdid, Dun John Curmi, għaliex bħal ma jaf kulħadd dan inbidel fl-2014 u minn naħa tagħna ilqajnieh fl-uffiċċju muniċipali. Kien hemm ukoll laqgħat formali mal-ET il-President ta' Malta fil-Palazz il-Belt u tajna is-sehem tagħna mas-soċjeta' ċivili fil-viżita pastorali ta' Mons Emeritus Arċisqof Pawlu Cremona f'San Bażilju meta kien fostna.

20 Charlene Zammit qalet illi din is-sena għal-laqgħa pubblika, biex kien hawn konkorrenza tajba, qassamna invit fid-djar, minbarra l-pubbliċita' tas-soltu. Dan għamilnieh għaliex nemmnu li r-rispons tal-pubbliku hu xi ħaġa ta' min ifaħħarha u jagħtiha valur, kif aħna kommessi li nilqgħu il-proposti kollha hawn il-lejla.

21 Charlene Zammit qalet illi għas-sena d-dieħla qabel ma ninfurmaw lill-pubbliku x'se nagħmlu, tajjeb illi inkunu nafu huma xi jridu. Imbgħad ngħidu dak li kellna f'moħħna aħna.

22 Is-Surmast Joseph Tonna irringrazzjana tal-opportunita' li tajnieħ f'din il-laqgħa filwaqt li qal li hu jaħseb li mhux qed isiru l-affarijiet tajba għal ġid tar-raħal. Hu qal li ġew xi nies iħabbtulu l-bieb tad-dar u qalulu li huma ma vvutawx bħala protesta, fl-aħħar elezzjoni. Hu qal illi hu jimxi imparżjalment ma kulħadd għaliex saħansitra talbuh xi uffiċjali ta' każin politiku biex jagħmlilhom marċ tal-banda u laqa' l-istedina għax hu jaħdem għal kulħadd. Hu semma' l-problema tal-kwantita' tal-ilma tax-xita li jinżel fejn joqgħod hu, fi Triq San Mikiel. Hu qal illi minħabba dan l-inkonvenjenti, saħansitra tilef tliet appuntamenti fl-Isptar. Dan għaliex minn din it-triq qed jinzel madwar tmien pulzieri ilma magħha kollha. Hu qal illi saħansitra f'wieħed mill-appuntamenti li jkollu l-Isptar, meta kellu jurihom saqajh, it-tabib staqsih x'jagħmel minħabba l-kundizzjoni tagħhom, filwaqt li hu qallu li jkollu jgħaddi mill-ilma tax-xita. Hu semma' lill-Eks Sindku Nicholas Briffa, fejn dan kien qallu li ma jista' jagħmel xejn għaliex il-medda tad-drenaġġ tinsab fil-wiċċ, wara li hu kien issuġġerielhu li ssir trinka u fiha jintefgħu katusi tal-ilma. Mr Tonna qal illi biex ikunu ffrankati l-flus għandha ssir trinka ta' 8'' u minn hemm isir *culvert* li jwassal l-ilma fil-ġiebja li hemm taħt Triq id-9 t'April. Dwar dan il-każ Charlene Zammit qalet illi l-KLM diġa' kiteb lill-Ministru tat-Trasport, l-Onor Joe Mizzi, għaliex hemm lok kif dan l-ilma jkun miġbur mit-toroq u wieħed jikkonserva aktar l-ilma tax-xita. Charlene Zammit qalet li hija kellmet personalment lill-Ministru u se terga' tiktiblu ħalli tfakkru. F'dan il-punt, Grace Marie Mallia qalet li meta kienet saret din it-triq, fil-leġislatura preċedenti, din kienet ċertifikata mill-Perit tal-KLM.

23 Grace Marie Mallia qalet li hemm każ ieħor li hu ċertifikat mill-Perit simili għal dan il-każ; is-sit jinsab fi Triq il-Parroċċa, kantuniera ma' Sqaq numru 1. Fil-verita' is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan hu ftit differenti għaliex hawn joqgħod għadira tal-ilma u mhux problema minħabba l-volum kbir ta' ilma. Dan hu differenti mill-każ fi Triq San Mikiel, peress li f'din it-triq jaqa' l-ilma minn ħafna toroq oħra bħal Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Parroċċa, il-Pjazza tal-Knisja, ecc.

24 F'intervent ieħor is-Sur Joe Farrugia ikkonferma dan għax qal illi fi Triq San Bażilju jaqa' ħafna ilma u li fil-passat kien hemm pjan biex dan ikun direzzjonat lejn il-Pjazza tal-Knisja u huwa tajjeb illi jerġgħu jinfetħu l-ġwiebi tal-ilma. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-problema tal-ġwiebi hija li meta dawn jimtlew, qed imur l-ilma għand in-nies fil-*basements* tagħhom u qed ifittxuna terzi persuni. Hawn Charlene Zammit qalet illi anke l-Pjazza tal-Knisja hija problema għaliex l-ilma li qed jaqa' fi Triq Karmenu Ciantar hu sostanzjali.

25 Antoine Sciberras beda l-intervent tiegħu billi feraħ lil Charlene Zammit għaliex għadha kemm tiggradwa bħala avukat u qal li fil-Pjazza tal-Knisja, propju fejn il-Kappella ta' Santa Katerina, kantuniera ma' Triq Santa Katerina, fl-aktar post importanti minħabba l-*bus stop/shelter*, il-bankina tinħtieġ li tiġi estiża għal ftit. Dan għaliex min ikun għaddej fuq il-bankina bil-fors ikollu jinżel fit-triq mingħajr protezzjoni ta' xejn. Hu qal li jinħtieġ li propju iż-*zebra crossing* quddiem il-pizzeria, għandha ssir *raised pedestrian crossing* b'mod li l-ilma tax-xita ma jżommx f'għadira ħalli jkunu aktar protetti il-*pedestrians* ġaladarba issa t-trasport pubbliku qed jgħaddu minn Triq il-Madonna tal-Ġilju u mhux minn Triq Santa Katerina.

26 Michel Farrugia qal li fil-pjazza hemm problema tal-ilma kullimkien, filwaqt li Charlene Zammit qalet illi jinħtieġ li nġibu l-perit ħalli jara l-problema li teżisti ta' għargħar. Koppja li joqgħodu fil-HE, qalet illi l-ilma kollu tal-pjazza qed jinżel kollu fil-ġibjun u l-problema tal-għarghar quddiem il-ġibjun tal-Imqabba aggravat specjalment meta saru s-*service roads* kollha bit-tarmak. Dawn qalu li meta tagħmel ix-xita, il-ġibjun qed idum biss erbgħin minuta biex ikun mimli kollu sa fuq. Din il-koppja talbet li jsir *risk assessment* biex ma jkunx hemm periklu u jaqa' xi tifel għal ġol-ġibjun peress li f'din iż-żona jkun hemm numru ta' tfal jistennew it-trasport lejn l-iskola. Dawn qalu li hemm ukoll diversi ġrieden iħufu fejn il-ġibjun propju fejn hemm passaġġ li tista' tgħaddi minnu bil-mixi. Huma komplew jinsistu sabiex ix-xibka tal-ġibjun li preżentement hija miftuħa, terġa' tingħalaq. Madankollu l-problema prinċipali hija li meta jfur il-ġibjun, l-ilma tax-xita qed jasal sal-bankina quddiem ir-residenti.

27 Charlene Zammit għamlet referenza għall-fond ta' miljun ewro li ħabbar il-Gvern Ċentrali dan l-aħħar, u li kien fil-media. Hija qalet illi minn naħa tal-KLM issottomettejna tliet

applikazzjonijiet, tnejn minnhom jikkonċernaw il-ġibjuni jew il-ħażna tal-ilma tax-xita, bit-tieni ġibjun ikun propost fi Triq Ganni Darmanin. Hija qalet li dan hu saħansitra msemmi fil-Pjan Lokali għan-Nofs-in-nhar ta' Malta, mill-MEPA. Fuq il-ġibjun eżistenti, qed nitolbu sabiex insibu għajnuna ħalli jinbena d-*Day Centre* u n-*Night Shelter* . L-applikazzjoni l-oħra saret fuq il-bandli f'Misraħ il-Fidwa, peress li hija qalet li dawn għad jonqos xi jsir fihom. Il-pjan hu li dan kollu jsir bil-kollaborazzjoni mal-privat.

28 Joe Farrugia (li joqgħod fi Triq tas-Sejba, mhux f'Misraħ il-Fidwa) qal li hu jgħid li dak il-ġibjun fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija qiegħed hemm għal xejn, ġaladarba dan mhux ibbattmat. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li dan hu *soak pit* biex il-*pump house* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, li hemm biswitu, jkollha xi ttella'.

29 L-urġenza li jinbena' il-ġibjun propost anke mill-MEPA ssemmiet ukoll minn persuna oħra. Dan qal illi jekk dan l-appell se jibqa' jiġi injorat, anke dak kollu li għad fadal mill-ħajt storiku tal-Matla, issa jinsab f'riskju. Dan għaliex hu jemmen illi meta' jfur il-ġibjun eżistenti, dan il-ħajt jista' jkaxkar u jintilef dan il-wirt storiku uniku. Hawn sostna li dwar dan l-impenn m'hemmx sensibilizzazzjoni, għaliex ħafna nies li ġew joqgħodu fil-HE, huma minn barra r-raħal.

30 L-istess koppja msemmija hawn fuq qalet illi hija ma taħsibx li hija ta' utilita' iż-*zebra crossing* li hemm fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija viċin Triq Xandru Farrugia. Dan għaliex aktar hemm lokha viċin l-*istationery* quddiem Triq il-Franka. Hawn is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-passat il-KLM kien applika għal *pellican crossing* fil-*by-pass*, propju f'dan il-post. Madankollu din ma ingħatatx f'dan is-sit propju minħabba li f'dan il-post hemm fetħa ta' madwar 100 pied u *junction* ta' xejn inqas minn ħames toroq: Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Karmenu Ciantar, Triq in-Nazzarenu, Triq il-Franka, Triq il-Qattara u fuq kollox is-*service roads* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Dan kollu irrenda s-sit perikoluż u għal daqstant qed nitolbu parir ta' esperti sabiex jinbena *pedestrian shelter* ħalli ma jseħħux inċidenti mhux mixtieqa. Hawn, Charlene Zammit qalet li tkellmet ma Ms Joanne Debono Grech u din se tibghat lis-Sur Charlie ????. Intant kien hemm proposta sabiex tiżdied ukoll is-sorveljanza għall-ispeed fil-*by-pass* għax dan l-aħħar anke zwiemel qed jibqgħu għaddejjin, u kien hemm proposta sabiex flok iż-*zebra crossing* issir issir *pellican crossing*. B'żieda għal dan, persuna oħra qalet illi f'dan is-



sit huwa mpossibbli taqsam fix-xita propju minn naħa għall-oħra tal-*by-pass* bl-ilma qiegħed li jkun hemm. Persuna oħra semmiet ukoll l-*istage* li qalet li waqa' bir-riħ (Nota tas-SE: mhux veru, għax meta l-ħaddiema tagħna marru jaraw, sabu li dan kien milqut aktarx minn xi vettura tat-trasport pubbliku stess peress li kellu żebgħa ħadranija miegħu). Dan l-istage ma reġax twaħħal f'dan is-sit.

31 Suġġeriment tas-Sur Frank Spiteri kien, li għandhom jitpoġġew katusi kbar biex l-ilma tax-xita mill-Pjazza tal-Knisja, jinżel għall-ġibjun. Intant kumment ieħor kien, illi l-problema aggravat ruħha għaliex issa tlestew it-toroq u mhux qed ikun hemm perkolazzjoni tal-ilma fil-pedamenti tagħhom kif kien isir qabel.

32 Charlene Zammit qalet li flus m'għandniex u għalhekk irridu nduru fuq il-Gvern Ċentrali biex il-proposti li qed nirċievu jissarfu f'xogħol u ma jibqgħux fuq il-karta.

33 Dwar il-veloċita esaġerata minn vetturi fil-by-pass, kien hemm min qal li f'nofs ta' lejl hu ra anke saħansitra karozzi tal-gvern isuquhom, għax ix-xufiera jaħsbu li ma jkun qed josservahom ħadd. Ilment ieħor li sar kien fuq it-trakkijiet li jkunu għaddejjin minn fuq l-*manhole covers* viċin il-ġibjun. Dawn qalu illi meta jgħaddi trakk vojt minn fuqhom, dawn jagħmlu ħafna ħoss.

34 Joe Farrugia (ta' Misrah il-Fidwa) qal li jiftakar li kienet saret talba mill-KLM dwar it-trasport pubbliku bin-numri 118 u l-117, biex dawn ma jibqgħux jgħaddu minn fejn il-bandli. Hu qal li dawn sfortunatament dawn m'għandhomx kontroll u ġieli qed jgħaddu minn din iż-żona qrib il-bandli. Michel Farrugia qal li dawn kienu waqfu, imma issa l-*Autobuses de Leon*, reġgħu bdew jgħaddu. Frank Spiteri qal li dawn ma setgħux jgħaddu minħabba t-*tower crane* armat għal tant xhur fi Triq il-Ħarriġiet. Charlene Zammit qalet illi dawn kienu waqfu jgħaddu minn hemm u se niċċekkjaw għalfejn issa qed jgħaddu minn hemm. Dwar dan is-Surmast Tonna qal li kien hu mar jilment mal-Għaqda tal-Anzjani, (ma nafux liema waħda eżattament) għax dawn ma kienux qed jgħaddu minn Misraħ il-Fidwa u għalih li joqgħod viċin ikun ta' skumdita'. Hu qal li anzjani bħalu ma jistgħux jitilgħu il-pjazza għax hemm ostakolu bil-bankini weqfin quddiem *garages* illegali u bla uzu u fuq kollox tal-linja qed jibqgħu telgħin għad-dritt lejn il-Qrendi u jħallu fuq l-*istages* tal-Pjazza lil kulħadd, għax qed jibqgħu telgħin lejn Triq il-Madonna tal-Ġilju u ma jagħtux każ tal-*bus stop* li issa hu moħbi biswit il-Kappella ta' Santa Katerina.

35 Joe Farrugia (ta' Triq tas-Sejba) talab lill-KLM jara kif jagħmel biex jerġa' jinxtegħel il-*bus-shelter* fi Triq tas-Sejba filwaqt li ninsistu aktar dwar l-installar taż-*zebra crossing*. Grace Marie Mallia qalet li l-*istage* se jitmexxa aktar 'il bogħod.

36 Giakkina Camilleri qalet illi l-KLM għandu jinsisti dwar il-karozza tal-linja li darba kienet tgħaddi lejn ir-Residenza ta' San Vincenz, u mbgħad tmur lejn l-Isptar San Luqa u ttemm ir-rotta lejn l-Isptar Mater Dei. Giakkina Camilleri ilmentat mit-traffiku li jkun ġej minn Triq tas-Sejba, u li mhux qed iħallu jaqsmu fiha dawk li jkunu ġejjin minn Triq is-Siġġiewi – għax ħadd ma jċedi. Hawn kien hemm ilment minn siġra taz-zebbuġ li tinsab fil-kantuniera u li ostakolat il-viżita tat-traffiku. Giakkina Camilleri ilmentat minn post privat li hemm imiss mar-residenza tagħha għaliex minn din ir-residenza ħerġin diversi friegħi tas-siġar għal fuq ir-residenza tagħha u dawn qed ikunu ta' nkonvenjent minħabba li qed jitilgħu magħhom il-ġrieden.

37 Grace Marie Mallia qalet li fil-futur se jkun hawn rotta ġdida tat-trasport pubbliku li se tkun aħjar minn dik prezenti.

38 Antoine Sciberras issuġġerixxa li Triq San Bażilju, għandha ssir *one-way* waqt il-ħinijiet li jkun hemm il-MUSEUM tal-bniet, minħabba sigurta', għaliex qed ikun hemm konfużjoni u qed jibqgħu ġejjin il-karozzi u qed nissugraw li jweġġa' xi ħadd. Hu semma' illi l-President tar-Reġjun tan-Nofs-in-Nhar, is-Sur Jesmond Aquilina, fejn qal li wiegħdhom li se jagħti donazzjoni ta' *Defibrillator* lill-lokalitajiet li jaqgħu taħt il-ġurisidizzju tiegħu u għalhekk din suppost issa qiegħda għandna. Charlene Zammit talbet li jkun il-pubbliku li jgħidilna fejn din titwaħħal, u s-Segretarju Eżekuttiv qal li tajjeb li ninfurmaw lil kulħadd li din bħal issa tinsab fil-Muniċipju u li għandu jkun jaf kulħadd. Hu sostna illi f'każ li din se tkun impoġġija xi mkien, il-President għandu jkun mistieden biex jagħmel din id-donazzjoni tagħha, liema tagħmir se jkun fuq l-inventerju tal-KLM.

39 Antoine Sciberras staqsa jekk qattx applikajna biex nibbenefikaw minn xi skema tal-Gal Xlokk. Hu qal li dawn joħorġu ħafna skemi li jkunu interessanti u ta' benefiċċju għar-raħal tagħna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s'issa applikajna darba u ma rnexxielnhiex għax ma kellniex permess tal-MEPA, filwaqt li Grace Marie Mallia qalet illi aħna konna ħriġna mill-GAL Xlokk u issa erġajna dħalna. Għalhekk issa qed jibbenefikaw il-lokalitajiet l-oħrajn li kienu diġa' applikaw qabilna.

40 Is-Surmast Tonna qal illi hu tajjeb li persentaġġ tal-fondi mill-permessi bħal dawk tal-liċenzji tal-karozzi, għandhom jinżammu mill-KLM u bihom isiru proġetti għat-titjib tal-lokalita' bħal dak ta' utilita' kbira fi Triq San Mikiel biex jittaffa' l-għargħar.

41 Resident minn Triq George Martin ikkummenta dwar l-istat diżastruż ta' din it-triq u qal li hemm bżonn li din it-triq imdallma, tinħeles minn dawk l-ammonti ta' tajn. Hu qal li huma ippruvaw jagħmlu kanal biex jgħaddi l-ilma tax-xita mingħajr ma joħloqilhom problemi,

madankollu hu sostna illi diversi vetturi qed jgħaddu jiġru u qed jimlew bit-tajn il-bibien tal-*garages* tal-parti tal-komun.

42 Hawn issemma' li għad fadal toroq ġodda xi jsiru għall-ewwel darba bħal Triq Baskal Xuereb, Sqaq Buhar, Triq it-Torri Vincenti u wkoll Triq George Martin.

43 L-aħħar osservazzjoni li saret kienet dwar paġna fuq *Facebook* dedikata lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Hawn intqal li hemm ħafna kunsilli li għandhom saħansitra problema biha. Charlene Zammit qalet li fil-verita' hija tkun tixtieq li tagħmel komunikazzjoni ma kulħadd iżda hemm limitu ta' rizorsi umani li qed jimmaniġjaw affarijiet oħra ferm aktar importanti. Hawn kien suġġerit illi l-istess paġna jkollha termini illi qabel ma xi ħadd *jippostja*, jrid ikun hemm approvazzjoni per ezempju tas-Sindku/Segretarju Eżekuttiv.

44 Charlene Zammit qalet illi per ezempju din il-laqgħa pubblika ma ġietx approvata minn dawk li huma responsabbli għal paġna tal-facebook tal-każini fir-raħal. Persuna oħra qalet illi hija saret taf bil-laqgħa mill-paġna li għandha Charlene Zammit. Minkejja li kien hemm min qal li kieku kien hemm din il-paġna, l-messaġġ għandu mnejn kien jasal aktar, intqal ukoll li anka seħansitra l-kappillan fil-quddies kollu tal-Ħadd, għamel dan l-avviż tal-Kunsill.

45 Charlene Zammit qalet illi l-Kunsill Lokali taż-Żgħazagħ għamlu paġna fuq il-*facebook* u fil-fatt dawn issa jistgħu ikellmu lin-nies u n-nies ma jkunux jistgħu jikkomunikaw magħhom.

46 Charlene Zammit, intant qalet illi l-*friends* li għandha, jistgħu jikkomunikaw magħha u xorta waħda jasal il-messaġġ.

47 Persuna oħra qalet illi minn *facebook* hu sar jaf il-ħin ta' din il-laqgħa billi daħal fit-timeline tagħha.

48 Il-laqgħa ntemmet fit-8:10pm.

Magħmula minn: **Anthony Bonello**
**Segretarju Eżekuttiv**